# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Joacchina Lucchese**

**Kumpilazzjoni Numru: 1330/10**

**Illum, 29 ta’ Frar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joacchina Lucchese detentrici tal-karta tal-identita` numru 387566(M).

Akkuzata talli nhar it-8 ta’ Marzu 2010, ghall-habta ta’ nofsinhar u ghaxar minuti (12:10hrs), f’dawn il-Gzejjer u cioe` fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, waqt li kienet qieghda ssuq vettura tal-ghamla Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni DAM 125:

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anna Maria Scenna ta’ 71 sena ta’ Nazzjonalita` Taljana, hekk kif iccertifikat minn Dr Malcolm Caruana M.D. (med. reg. no. 2864) tal-Isptar Mater Dei;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni DAM 125 b’manjiera traskurata;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni DAM 125 b'manjiera perikoluza;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minhabba c-cirkostanzi tat-triq saqet vettura tal-ghamla Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni DAM 125 b'velocita` qawwija; u
5. Finalment, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kienet qed tavvicina *pedestrian crossing*, naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputata, minbarra l-piena stabbilita`, ghandha tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan; u

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez relattivi a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll l-atti tal-inkjesta magisterjali redatta mill-allora Magistrat Giovanni Grixti (GG 10/2010);

Illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2010 ghall-habta ta' nofsinhar fi Triq it-Torri, Sliema u fejn sfat imtajjra persuna Taljana bl-isem ta' Maria Scenna. Din sfat imtajjra mill-imputata li kienet qed issuq vettura Maruti bin-numru ta' registrazzjoni DAM 125.

Illi mill-provi migjuba jirrizulta illi l-vittma u r-ragel taghha, li kienu fuq btala hawn Malta, kienu qeghdin jimxu ix-xatt f'Tas Sliema fuq in-naha tal-bahar fejn f'daqqa wahda bdiet ix-xita u t-tnejn iddecidew illi il-mara taqsam ghan-naha l-ohra tat-triq fejn kien hemm ilqugh sabiex safrattant ir-ragel taghha ikun jista' jmur igib il-karrozza taghhom li kienet ipparkjata aktar 'il fuq tat-triq.

Illi mix-xhieda ta' **Anna Maria Scenna** datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2012 (a fol 31 tal-process) kif ukoll mix-xhieda tar-ragel taghha **Martino Lorenza** datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2012 (a fol 37 tal-process) hareg illi meta r-ragel tal-vittma wassal lill-mara tieghu sa hdejn iz-"zebra crossing" sabiex taqsam, hu rega' lura sabiex imur igib il-karrozza, u f'dak il-mument illi huwa sema' id-daqqa fejn imbaghad irrizulta illi din giet imtajjra mill-imputata. Illi l-vittma xehdet ukoll u kkonfermat illi hija infatti qasmet miz-"zebra crossing" u fil-fatt ir-ragel taghha esebixxa serje ta' ritratti li juru l-lok tal-incident (a fol 41-43 tal-process) kif ukoll l-istess "zebra crossing".

Illi kagun ta' dan l-incident, il-vittma Anna Maria Scenna sofriet serje ta' griehi u f'certi mumenti hija kienet fil-periklu tal-mewt. Dawn il-griehi setghu jigu

kkorroborati mill-atti tal-inkjesta u senjatament mir-rapport tal-espert forensiku Dr. Mario Scerri (a fol 57 tal-process verbal). Dawn kienu jikkostitwixxu fi kliemu:

> *"Illi Scenna ddahhlet l-isptar Mater Dei f'kondizzjoni kritika, b'evidenza ta' head injury u trawma fil-pulmun;*
>
> *Illi kien hemm ukoll evidenza ta' frattura ta' l-acetabulum tal-lemin;*
>
> *Illi l-kondizzjoni ta' Anna Maria Scenna ghalkemm kritika baqghet stabbli;*
>
> *Illi nhar il-11 ta' Marzu 2010 giet trasferita ghas-sala Orthopaedic 2;*
>
> *Illi nhar il-15 ta' Marzu 2010 din giet licenzjata mill-isptar Mater Dei u marret lura pajjizha".*

Illi dawn il-griehi fir-ras gew ikkagunati bid-daqqa li sofriet il-vittma meta hija dahlet b'rasha gol-"windscreen" tal-karrozza tal-imputata fuq in-naha tal-passiggier fejn kien hemm it-tifla tal-imputat Antonella u din giet b'rasha tappoggja fuq saqajha.

Illi min-naha taghha l-imputata **Joacchina Lucchese** cahdet totalment illi hija kienet qed issuq b'velocita` qawwija tant li hija qalet fix-xhieda taghha datata tmienja (8) ta' Gunju 2015 (a fol 82 tal-process) illi peress li kienet ix-xita u kienet riesqa lejn "zebra crossing" hija kienet miexja bil-mod u fil-fatt ghamlet il-karrozza "free" halli jekk ikun qed jaqsam xi hadd thallieh jghaddi. Hija xehdet ukoll illi kienet zgura illi il-vittma Anna Maria Scenna ma kienitx qed taqsam minn fuq iz-"zebra crossing" izda aktar 'l isfel. Fil-fatt hija qalet illi din

qasmet f'daqqa wahda minn bejn l-arbuxelli li kienu jiddividu t-triq minn mal-bankina u din zelqet u hemmhekk tajjritha.

Fil-fatt ir-rapport tal-espert imqabbad mill-inkjesta Magisterjali il-Perit Richard Aquilina fir-rapport tieghu a fol 35 tal-process dan jikkorrobora l-verzjoni tal-imputata li l-vittma qatt ma setghet kienet qed taqsam miz-"zebra crossing" u infatti jghid hekk:

> *"Anna Maria Scenna kienet intlaqtet bil-quddiem tal-karrozza, farrket il-windscreen u spiccat f'nofsha, minn sidiriha l-fuq, gewwa l-karrozza, b'rasha fuq it-tifla Antonella.*
>
> *Kien hemm tixrid ta' hgieg sa zewg metri u nofs 'il quddiem mill-karrozza u ftit warajha. Dawn kienu l-fuq mill-Pedestrian Crossing.*
>
> *Fid-dawl ta' dak li gie kkostatat, fl-opinjoni ta' l-esponent Anna Maria Scenna kienet intlaqtet meta hi kienet il-fuq mill-Pedestrian Crossing u mhux fuqha.*
>
> *Meta gara l-incident kienet niezla x-xita".*

Il-Qorti setghet tara ukoll il-pjanta esebita mal-istess rapport tal-Perit Aquilina a fol 42 tal-process verbal fejn jidher car illi l-impatt sar hafna l-isfel miz-"zebra crossing" u anke jekk qiehed jiehu in konsiderazzjoni illi l-karrozza forsi resqet ftit mal-impatt, xorta wahda ma jikkumpensax il-posizzjoni fejn instabet il-karrozza u d-"debris" li halla l-impatt. Irid jigi precizat illi minn imkien ma hareg illi l-karrozza intmesset minn fuq il-post.

Illi ulterjorment il-Qorti setghet tifli l-konkluzjonijiet tal-inkjesta magisterjali illi inghad *"illi **prima facie** is-sewwieq tal-vettura DAM 125 ma ghandu ebda tort*

*f'dan l-incident, izda fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja la darba persuna kienet investita fit-triq minn vettura ohra waqt li kienet qed taqsam f'kundizzjoni fejn kienet niezla x-xita, ikun ahjar li kieku dan ikun deciz minn Qorti wara proces kif titlob il-Ligi".*

Illi konsegwentement din il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-konkluzjonijiet tal-espert Richard Aquilina u kwindi mal-konkluzjonijiet tal-inkjesta magisterjali, zzid illi mid-dinamika tal-incident johrog illi l-vittma ma kienitx qed taqsam minn fuq iz-"zebra crossing" izda kienet hierga minn bejn l-arbuxelli bil-ghagla ghaliex kienet ix-xita u hemmhekk, kif qalet l-imputata zelqet u b'hekk gara l-incident. Ulterjorment, li kieku il-vittma kienet qed taqsam kif qalet hi, il-vizwali taghha tal-karrozzi li kienu gejjin minn San Giljan, kienet tkun wahda tajba hafna u ghalhekk il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni tal-vittma illi hija harset 'il fuq u l-isfel u ma rat l-ebda karrozzi gejjin.

Ghal dawn il-motivi u stante l-akkuzi ma gewx ippruvati oltre d-dubju ragjonevoli, ma ssibx lill-imputata **<u>Joacchina Lucchese</u>** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tilliberaha minnhom.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**